# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d

## Seduta ta' nhar il-Erbgha 30 ta' Settembru, 2015

**Talba Nru:** 675/15 DMA

**Spiridione (KI 348944M) u Maria konjugi Sciberras**

**Vs**

**Joseph Sultana**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Awissu, 2015 fejn l-atturi talbu prevja kull dikjarrazzjoni opportuna li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' tmien mija tlieta u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€893.65) ghal kont ma' ARMS Ltd (Dok A.) meta kien jikri u joqghod fid-dar 125, Triq Santa Duminka, Zabbar.

Il-konvenut debitament notifikat baqa' ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Deher l-attur Spiridione Sciberras (ID 348944M) li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont ta' tmien mija tlieta u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€893.65) ghadu dovut fl-intier tieghu u ma thallas xejn.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet tal-attur u jikkundanna lill-konvenut ihallsu l-ammont ta' tmien mija tlieta u disghin ewro u hamsa u sittin centezmu (€893.65).

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut, bl-imghax legali sa mid-data tal-prezentat sad-data tal-pagament effettiv.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**
**Gudikatur**